Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 322 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Colin Sheldon

Vs

Jeffrey Vella

Illum 1 ta'Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Jeffrey Vella detenur tal-karta tal-identita Maltija 537577 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghan-nom u in rapprezentanza ta' VALURU Company Limited (C-51107) u / jew bhala persuna registrata mal- Kummissarju tat-Taxxi skond l-att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, naqas sal- 15 –il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet

tat-taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi (4), id-denunzji flimkien mal-hlas dovut li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil- wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) sat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) u dan bi ksur tal-artikoli 30, 66, 76 (c) u 76 (d) tal-Att numru XXIII tal- 1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-11 ta' Lulju, 2018, fejn il-Qorti ikkundannat lil imputat ghal multa ta' € 2000.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jeffrey Vella, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Mejju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli joghgobha tilqa' dan l-appell u tirrevoka s- sentenza appellata billi tiddikkjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar gusta u ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi **l-ewwel aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok u bir-rispett, l-esponent umilment jirrileva illi s-sejbien tal-htija tieghu mill-ewwel Onorabbli Qorti, hija wahda *'unsafe and unsatisfactory'*. L-esponent huwa tal-umli fehema illi *in linea* generali, ir-rizultanzi processwali huma nieqsa mill-piz ta' prova rikjesta fil-kamp penali u cioe dik ta' konvinzjoni lill' hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, liema prova twassal sal-grad tac-certezza morali;

2. Illi l-prosekuzzjoni ma gabitx prova sufficjenti li l-esponent kien responsabbli skond l-imputazzjoni kif migjuba kontrih, u li l-pagamenti u d-dokumenti relattivi kellhom isiru minnu. L-unika prova li hija sostanzjata hija dik li l-imputat huwa prezentament tassew direttur tal-kumpanija VALURU Company Limited, skond

dokument esebiti *in atti*, liema dokument huwa estratt mill- *Malta Financial Services Authority*, dok PS3;

3. Illi minkejja li l-prosekuzzjoni provat li l-imputat huwa d-direttur tal-kumpanija li fuqha huwa registrat in-negozju TORO li jinsab gewwa *Paceville Avenue, San Giljan*, il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-imputat kien jiggestixxi dan in-negozju, jew li kien il-persuna responsabbli li tibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi (Dipartiment tal-VAT) id-denunzji flimkien mal-hlas dovut, u dan bi ksur tal-artikoli 30, 66, 76 (c) u 76 (d) tal-Att XXIII tal-1998;

4. Illi l-esponent jissottometti li huwa ma kienx il-persuna responsabbli li jaghmel dan, u dan ghaliex in-negozju in kwistjoni kien qieghed jigi gestit fl-intier tieghu minn terzi persuni ta' nazzjonalita' Spanjola, u kienu huma il- persuni registrati mad-Dipartiment tal-VAT, u ghalhekk responsabbli li jibghatu lill-Kummissarju tat-Taxxi id-denunzji flimkien mal-hlas dovut. Infatti, kieku l-appellant inghata l-opportunita' li jixhed, itella' x-xhieda tieghu u jesebixxi d-dokumenti relattivi, kien ser jigi spjegat lill-Ewwel Qorti, u kien ser jigi ppruvat, li d-denunzji kellhom jigu mhallsa minn dawn it- terzi persuni ta' nazzjonalita' Spanjola li abbandunaw in-negozju u sahansitra telqu mill-pajjiz, u li l-imputat kien ghamel dak kollu possibbli sabiex dan isir. Madanakollu, din l-opportunita' m'inghatax lill-appellant mill-Ewwel Qorti;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti, **it-tieni aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

6. Illi l-esponent m'inghatax ic-cans illi jipprezenta d-difiza tieghu u l-verzjoni tieghu tal-fatti u dan ghaliex fis-seduta ta' 11 ta' Lulju 2018, l-esponent kien lest sabiex jispjega u jesponi l-fatti tal-kaz, izda m'inghatax l-opportunita' li jispjega l-pozizzjoni tieghu u jipprova li hu kien qed jaghmel l-almu tieghu sabiex wara li l-

persuni responsabbli ghall-obbligi tal- VAT telqu minn Malta, jirregolarizza l-pozizzjoni tal-kumpanija mad-Dipartiment tal-VAT;

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, **it-tielet aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

8. Illi l-kaz odjern huwa wiehed kumpless u li ma setax jigi deciz f'daqshekk qasir zmien, u dan ghaliex in-negozju tal-esponent kien qieghed jigi gestit fl-intier tieghu minn numru ta' terzi persuni Spanjoli, li kienu responsabbli ghal kull aspett ta' dan l-istess negozju, u li kienu registrati mad-dipartiment tal-VAT u ghalhekk responsabbli li jibghatu lill-Kummissarju tat-Taxxi d-denunzji relattivi, flimkien mal-hlas dovut, u liema persuni Spanjoli abbandunaw in-negozju in kwistjoni minghajr preavviz, qatghu kull kuntatt mal-esponent u sahansitra telqu mill-pajjiz;

9. Ghalhekk jigi sottomess li l-esponent, a bazi tar-rizultanzi processwali, m' ghandux jinstab hati tal-imputazzjoni kif dedotta u minnha ghandu jigi liberat skond il-ligi.

10. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, **ir-raba' aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

11. Illi bl-akbar rispett, il-piena inflitta fuq l-esponent mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u mhux proporzjonata ghall- portata ta' dan il-kaz. Fil-fehema tal-esponent, jekk dan l-appell ma jintlaqax, ikun xieraq li jkun hemm temperament fil-piena u li tinghata piena li tkun aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz stante li fil-kaz odjern jezistu fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena nflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Semghet il-provi mill-gdid imressqa mill-prosekuzzjoni

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u jitolbu lil Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat,

Illi nhar il-5 ta Settembru 2018 xehed **Paul Scicluna** ghan-nom u in rappresentanza tad-Dipartiment tal-VAT fejn ikkonferma li l-akkzua li hemm pendenti fil-konfront tal-appellant hija dik li naqas li jippresenta id-denunzja tal-VAT. Huwa ghamel referenza ghad-dokument markat bhala dok PS1 esebit fl-atti a fol. 4 u spejga illi dik hija l-ittra mahruga mill-Kummissarju tal-VAT mibghuta lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-appellant odjern. Gharaf ukoll id-dokument esebit a fol. 5 markat bhala dok PS2 u spjega li din hija r-registration form li giet mimlija ghan-nom tas-socjeta' Valuru Co. Limited iffirmata minn Jose Manoel Segura Ferrandis nhar il-15 ta' Novembru, 2010 u l-ahhar dokument ukoll esebit minnu markat bhala dok PS 3 a fol 7 ta' l-atti li huwa estratt mehud mir-registru tal-MFSA dwar id-dettalji tas-socjeta' Valuru Co. Limited.

Mistoqsi jekk l-persuna li tiffirma r-registration form tassumix ukoll ir-responsabilta' tas-socjeta' li tkun qed tipprezenta fil-materja tal-VAT iwiegeb fin-negattiv u jghid li ghalihom huma d-diretturi tas-socjeta' in fine li huma responsabbli ghas-socjeta'. Ghalhekk li fil-kaz in desamina fittxu lill-appellant u mhux li min mela l-applikazzjoni li hawa barrani u jinsab barra minn Malta. Mistoqsi jekk fittxux min ikun licenzjat li jopera l-hanut jghid li huma ifitxxu lid-Diretturi jekk l-applilkazzjoni tal-VAT tghajjat socjeta' limitata. Mir-ricerka li ghamel irrizutlalu li l-appellant hu Direttur tas-socjeta' Valuru Company Limited.

Illi d-difiza fit-trattazzjoni taghha stqarret li in effetti l-hanut hu gestit minn terza persuna u cioe' l-firmatarju fuq l-applikazzjoni mad-dipartiment tal-VAT u cioe' minn Jose Manoel Segura Ferrandis u mhux mis-socjeta' rappresentata mill-appellant u ghalhekk fehmet li l-proskeuzzjoni messha harket lilu u mhux lill-appellant odjern.

Ikkunsidrat,

Illi d-difiza sostniet li l-ewwel Qorti ghamlet apprezament hazin tal-provi migjuba quddiemha. Kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta w anki kif illum preseduta, "principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment, tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha." (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[1]" u ohrajn) Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx "*safe and satisfactory*" li tinstab il-htija addebitata lill-appellanti .

Issa jigi rilevat li skond l-artikolu 10 (1) tal-Att XXIII tal-1998:-

*"kull persuna taxxabbli ghandha tapplika sabiex tigi registrata entro certu zmien u skond is-subartikolu (7) kull persuna hekk registrata ghandha fi zmien hmistax il-jum tavza lill-Kumissarju tal-VAT bil-waqfien jew trasferiment tal-attivita' ekoniomika jew kull bidla fic-cirkostanzi li jista' jkollha effett fuq il-partikolaritajiet dikjarati fl-applikazzjoni w konsegwentement, meta l-appellant ghamel l-operation agreement fuq imsemmi, imissu avvza b' dan lill-Kummissarju, pero', fl-assenza ta' xi dispozizzjoni tal-ligi li tohloq xi prezunzjoni juris et de jure li min ikun iffirma l-applikazzjoni tar-registrazzjoni jitqies dejjem responsabbli ghal xi ksur tal-ligi li jsir f' dak in-negozju, dejjem ikun possibbli li dik il-persuna tressaq provi biex jezimuha mir-responsabblta' kriminali, jekk l-att inkriminat ma jkunx sar minnha jew mill-impjegati taghha."*

Illi fil-kaz in desamina pero' lanqas ma gie provat li in effetti l-fond Toro, Paceville Avenue, Paceville hu gestit minn din il-persuna barranija. Il-Qorti hija rinfaccjata biss

[1] Deciz fl-10 ta Mejju, 2002

b'applikazzjoni mal-VAT iffirmata minn pesuna barranija pero' ghan-nom tas-socjeta' Valuru Company Limited. Ghalhekk il-prosekuzzjoni ghamlet tajjeb li ressqet lill-appellant odjern bhala Direttur tas-socjeta' Valuru Company Limited u dan ghaliex *qua* Direttur tas-socjeta' (u dan mhux kontstat) jibqa' resposnabbli ghall-gestjoni taghha salv jekk ma jipprovax kif rikejst bl-artikolu 13 tal-Intepretation Act li huwa ha l-mizuri kollha biex jevita' li jkun hemm xi nuqqas minn naha tieghu. Illi dwar ir-responsabbilta' vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

*"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat iddiliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."*

Dan ifisser allura illi r-responsabbilta' kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew *nomine* kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-appellat fil-fatt jigi iccitat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b' mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati tieghu personali u li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigi mharrek jew akkuzat minnhabba r-responsabbilta' vikarja tieghu bhala ufficjal/direttur tal-korp. Dak li irid jirrizulta mill-provi, izda hu li fil-fatt huwa kien id-direttur, jew ufficjal tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li huwa allura qed jigi akkuzat ghal din ir-raguni

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici"**[2]:-

*"Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' lAtt dwar l-*

[2] Deciza fis-26 ta Mejju, 1995

*Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu."*

Izda:

*"….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment, fl-imputazzjoni jew fl-akkuza – mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza – ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.[3]"*

Stabbiliti dawn il-principji ta' dritt in konnessjoni mar-responsabbilita' vikarja tal-appellati ghall-akkuza dedotta fil-konfront tieghu , jirrizulta mill-provi akkwizti li sa mill-mument li dan il-process penali kellu l-bidu tieghu permezz tar-rapport maghmul mill-Kummissarju tal-VAT lill-pulizija l-appellant kien Direttur ta-socjeta' Valuru Co. limited u ghalhekk ghandu iwiegeb ghan-nuqqas tas-socjeta' li f'dan il-kaz hu wiehed li naqas li jipprzenta ir-return tal-istess socjeta'. Ghalhekk il-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti dwar htija hi korretta u ghandu jigi konfermat.

Dwar il-piena l-appellant stqarr fir-rikors tieghu li l-multa inflitta ta' elfejn euro (€2,000) hija wahda eccessiva.

F'dan ir-rigward jinghad li huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

---

[3] Appell Inferjuri, Il-Pulizija vs Patrick Vella – deciza 31/08/2006

Il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ "**il-Pulizija vs. Joseph Attard"**[4] mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell narament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami,*[5] *jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati,* ***jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi****."*[6]

Illi r-*raison d'être* ta' dan l-aggravju, mhuwiex li tiġi nflitta xi piena ħarxa u ezemplari fuq l-appellat. Hawnhekk l-esponent mhux qed ifittex il *'pound of flesh'* iżda li tiġi inflitta l-piena kif prevista mil-Liġi stess. L-unika motivazzjoni li għandhu l-esponent sabiex iressaq dan l-aggravju hi li tiġi mħarsa r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, fis-sens li l-piena nflitta għandha tkun għall-inqas il-minimu ta' dik kontemplata fil-Liġi. L-esponent ovvjament mhux ser jidħol fil-mertu jekk il-piena għandiex tingħata fil-minimu jew le – dik diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, wara li tkun semgħat il-kaz odjern. Inoltre, d-diskrezzjoni tal-Qorti fl-għoti tal-piena għandha tiġi eżerċitata' fil-parametri li tipprovdi l-Liġi stess, altrimenti ma jkollniex is-saltna safja tad-dritt.

Il-Qorti rat li skond l-artikolu 76 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta min jinsab ħati tar' reat kif dispost fl-artikolu 30 tal-istess Kap kif inhu l-kaz in desamina jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' mhux inqas minn seba' mitt euro (€700) u mhux iżjed minn tlett elef u ħames mitt euro (€3,500). Ghalhekk, din m'hix kwisjtoni li l-piena inflitta ma taqax fil-parametri tal-ligi. Pero' din il-Qorti rat il-fedina penali tieghu u minn ezami tal-istess jirrizulta li in

[4] Deciza fis-26 ta' Jannar, 2001
[5] Sottolinear tal-Qorti.
[6] Sottolinear/enfasi tal-Qorti.

effetti l-appellant gia nstab hati ta reati ohra konnessi mal-Ordinanza tal-VAT f'diversi okkazzjonijiet ohra u donnu ghalhekk li l-appellant ma tghallimx anke meta inghata prorpju il-piena fil-minimu taghha u ghalhek f'dawn ic-cirostanzia l-Qorti thoss li anke il-piena hija wahda idoneja fic-cirkostanzi.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tikkofnerma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tichad l-appell tal-appellant in toto.

(ft)Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur